KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 51 (II) , miżmuma nhar it-Tlieta 03 ta' April 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

## Preżenti

**Membri Preżenti:**

| | |
|---|---|
| • Anne Fenech | Sindku |
| • Graziella Galea | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| • Alfred Grima | Kunsillier |
| • Stephen Cremona | Kunsillier (17.44) |
| • Joseph Vella | Kunisllier |
| • Daniel Grima | Kunsillier |
| • Dounia Borg | Kunsillier |
| • Robert Piscopo | Kunsillier (17.37) |
| • Paul Bugeja | Kunsillier |
| • Rodney Galea | Kunsillier |
| • Edward Bugeja | Kunsillier |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Mandy Buhagiar | Kunsillier |

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

## Kontinwazzjoni tal-laqgħa No 51 (II)

Is-Sindku fetħet il-laqgħa fil-17:30

### 51.1 (b) Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Mandy Buħaġiar talbet li tkun skużata minħabba li kienet imsiefra. Kien hemm qbil li għandha tiġi skuzata.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab sospenzjoni tal-minuti sabiex jiddiskutu il-punt tal-mozzjonijiet. Is-Sekonda il-Kunsillier Rodney Galea.

Intalab vot: 5 Favur u 6 kontra (għax ntuza il-Casting Vote )

Favur : Il-Kunsilliera; Paul Bugeja, Rodney Galea, Alfred Grima, Edward Bugeja Joseph Vella.
Kontra : Il-Kunsilliera; Dounia Borg, Antoinette Bezzina, Graziella Galea, Daniel Grima u S-Sindku Anne Marie Fenech.

Is-Sindku mexxiet l-laqgħa skond l-Aġenda.

### 51.5.1 a. - Proġetti Kapitali - Measure 4.3

L-Aġent Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li t-tender tal-Mizura 4.3 qedgħa tiġi finalizzata. Il-Kunsill irċieva mingħand il-Water Services Corporation fejn hemm il bzonn li jsiru pipeworks fuq xi toroq minnhom u li minhabba li dawn it-toroq huma rurali, ix-xogħolijiet imsemmija mhumiex ser ikunu parti mill-BOQ.

L-Aġent Deputat Segretarju Ezekuttiv informat li għad mhemmx klarifika jekk dawn l-ispejjes humiex ser jgħaddu jew le bħala parti mill-BOQ. Is-Sindku Anne Marie Fenech talbgħet li tinzamm laqgħa urġenti mal-Perit Robert Sant kif ukoll jiġu informati il-Kunsilliera kollha b'din il-laqgħa, rigward il-miżura 4.3.

Il-Kunillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li dan il-proġett huwa diġa' approvat mil-Kunsill b'hekk issa l-Kunsill irid jieħu ħsieb li hemm id-dokumenti hekk kif mitlubin sabiex ma jintilfux il-fondi u ma neħlu l-ebda multa.

### 51.5.1 b. - Proġetti Kapitali - Thalassalejn

Is-Sindku, tkellmet rigward il-proġett tal-Thalassalejn fejn qiegħed jintalab approvazzjoni minn għand il-perit sabiex il-kuntrattur tac-civil works jkompli x-xogħolijiet. Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li jekk dan il-Proġett huwa skond l-budget li kien ġie approvat, japprova x-xogħolijiet iżda jekk bix-xogħolijiet jinqabeż il-budget irid spjegazzjoni dettaljata.

L-Aġent Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li jista jkun hemm iktar minn 10-20% varjazzjoni bejn l-estimate Budget u t-tender. Il-Kunsillier Alfred Grima jirrispetta t-tender bil-varjazzjoni skond il-liġi tat-tender.

### 51.5.2 – Summary of E-Bikes

Kellhom jitkelmu dwara s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Graziella Galea qabel il-laqgħa iżda ma kienx hemm ċans. Ser tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

### 51.5.3 - PA s'

Il-Kunsillier Daniel Grima spejga li z-zmien ta' l-applikazzjoni PA 1438/18 ser jagħalaq din il-Gimgħa u li r-residenti qedin joġezzjonaw.

Il-Viċi Sindku Daniel Grima propona li jiġu ingaġġati nies professionali biex jieħdu ħsieb dawn l-applikazjonijiet fejn talab: *"Following our local council meeting please note that the undersigned would like to propose that a company or professional is engaged to take care of all submitted planning applications, forwarding comments re applications which might effect our locality and if need be submitting the necessary objections with the Planning Authority. Kindly note that the list of applications each month amount to 100s."*

Ġie deċis li dawn l-oġġezzjonijiet rigward l-PAs għandom jgħaddu lil Periti DTR limited għal attenzjoni tiegħhom.

### 51.5.4 - Rapport dwar it-Tender Public Conveniences

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv prezentat rapport bl-ilmenti kollha li waslu min diversi sorsi dwar l-istat tal-latrini pubblici. Kien hemm qbil unanimu li jekk il-kuntrattur ikollu sa 70% fault fix-xagħar jiġi mwaqqaf u il-Kuntratt imur għat-tieni l-aħjar, skond kif tippermetti l-liġi. Il-Kunsillier Paul Bugeja propona li jsiru mobile toilets fil-post sakemm jinħareġ it-tender. Il-Kunsill approva.

## 51.6 Rapporti

### 51.6.2 – Ingaġġ ta'Skrivani tal-Kunsill

Kien hemm qbil unanimu fejn l-applikazzjonijonijiet li kien hemm pendenti ġew ikanċellati u toħroġ sejħa mil-ġdid għal skrivani tal-kunsill.

### 51.6.3 - Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku pprezentat u spjegat ir-rapport ta' l-ingaġġ, fejn kien hemm sitt applikanti għal post ta' Segretarju Eżekuttiv li minnhom kollha erbgħa' applikani kienu eleġibli. Minn l-erbgħa applikanti, tnejn biss attendew għal *inteview*. Applikanata waħda biss ġabet il-marki meħtieġa.

Il-Bord ta' l-ingaġġ kien magħmul mil-Kunsilliera Graziella Galea, Daniel Grima u Anne Fenech u Elke Sghendo bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Ir-rapport tal-Bord ta' l-ingaġġ itegħlla għal approvazzjoni fejn kien hemm qbil unanimu.

## *51.7* *iTems* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

### 51.7.1 – Tenders

Il-Kunsill qabel li għandu johroġ it-tender ta' **Servizz ta Accountant tal-Kunsill**. Il-Kunsillier Alfred Grima propona li it-tenders kollha imorru fuq il-Bord tat-Tenders, jiġu evalwati mbgħad jitilaw Kunsill għal approvazzjoni.

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li jekk hemm bżonn isiru ukoll laqgħat urġenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill approva. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-DLG talab li jiġi kkanċellat it-Tender ta' l-isweeping. Il-Kunsillier Graziella Galea talbet komunikazzjoni minn għand id-DLG bil-miktub.

## 51.7.2 – Kwotazzjonijiet

Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw l-affarijiet skont il-kwotazzjonijiet meħtieġa taħt il 5000 Euro.

### 51.7.2.1 - Estimate for steps on footpath in Triq il-Fuħħar

Pendenti - Ġie deċiz li ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss wara li diskusa waqt il-bord.

### 51.7.2.2 - Supporting clean up campaigns

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jgħin Clean Up Campaigns li jsiru fil-Lokal, l-importanti li mhux jgħin b'għotja ta' flus.

### 51.7.2.3 – Earthday Clean up

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jgħin.

### 51.7.2.4 – Office Telephone / Internet / Wifi

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li jkun hemm linja alternattiva f'kas li jinqata d-dawl. Kien hemm qbil li jitħalla l-proċess fidejn id-Deputat Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier Stephen Cremona biex tittieħed l-aħjar deċizjoni għal Kunsill.

### 51.7.2.5 - Pavement re-constuction of Triq Sant Antnin

Wara li tqassam il-BOQ lil Kunsilliera kollha d-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li hemm żewġ options ; a) jew li nimxu ma direct order ta' 5000 jew b) li nitolbu approvazzjoni tad-Direct Order mid-DLG. Il-Kunsillier Alfred Grima spjega li hemm deċiżjoni mill-Ombudsman u din ijlha għaddeja mit-2014.

Paul Bugeja talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tagħti 5 tijiem biex zewgt kuntratturi oħra ma dak li kien hemm , jintablu immorru fuq il-post biex jibgħatu il-kwotazzjonijiet tagħom u tittieħed deċizjoni minn hemm. Kien hemm qbil unanimu.

### 51.7.3. Agreements

#### 51.7.3.1. - Measure 313 - Maintanence agreement for gym equimpent

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li kazijiet bħal dawn jieħdu ħsiebom l-Bord u kien hemm qbil dwar dan.

#### 51.7.3.2 - St James agreement –Monolit sign

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif hemm verbal agreement. Kien hemm qbil unanimu li jsir l-agreement bil-miktub sas-sena 2018, u jiġi regolat mis-sena skond il-Bye Law mis-sena dieħla l-quddiem.

#### 51.7.3.3.- Blue waters agreement and proposal

Il-Kunsillier Alfred Grima stqar li ma kienx informat li l-Kunsill iħallas ground rent u prorata tal-insurance tal-blokka, kieku kien informat huwa ma kienx jaqbel magħhom. Il-Viċi sindku tagħalab biex jiġu ċċekjati l-minuti ta' żmien il-Kunsillier Paul Bugeja.

Il-Kunsillier Daniel Grima ppropona li jsiru 40 CCTV camera, iżda jista jkun hemm problema ta Wifi u ta' managment system.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dawn it-tip ta CCTVs mhumiex efficjenti minhabba li mhumiex ċentralizzati u li minħabba li fihom decoder kull wahda.
Il-Kunsillier propona li l-Kunsill ghandu jieħu mhux inqas minn 30,000 euro fi flus. Kif ukoll li l-aħjar jiġu nominati tnejn jew tlieta minn nies jiltaqaw miegħu.

Il-Kunsillier Paul Bugeja għamel mozzjoni li jintnefqu 30,000euro biex jagħmlu upgrade fil-latrini. Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda.

Ittieħed vot fuq il-mozzjoni tal-Kunsillier Paul Bugeja :
7 Favur : 3Kontra : 1 Asstenzjoni

Favur: Il-Kunsilliera Paul Bugeja, Robert Piscopo, Rodney Galea, Edward Bugeja, u Stephen Cremona, Alfred Grima u Sindku Anne Marie Fenech

Kontra: Graziella Galea, Dounia Borg , Antoinette Bezzina.

Asstenzjoni: Il-Kunsillier Daniel Grima jastjena mil-Vot, għaliex mgħandu xejn kontra ix-xogħol fuq il-Latrina iżda jemmen li l-aħjar tiġi diskussa ma min jista jofri l-cameras.

Il-Kunsillier Graziella Galea spjegat li l-vot kontra huwa għaliex huma preferuti CCTV fuq il-latrini.

### 51.7.4 Concessions

### 51.7.4.1. – Bring in Sites – Skips Collection

L-ADES spjegat li għandna xi domes imkissrin li dawn biex jinbidlu jiswew sa Eur 200 kull waħda. Ser tiswa il kunsill €800 biex jitneħħew 4 domes imkissrin.

Il-Kunsillier Rodney Galea sostna li dawn li truck tal-kunsill suppost għandu l-isticker tal ERA.

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv informat li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ser jatuwna 8 Domes u it trasport ser jiswina Eur 550. Erbgħa mid-Domes mkissrin ser jinbidlu li għandna u minflokhom jitpoġġew erbgħa l-oħra. Kien hemm qbil unanimu.

### 51.7.4.2. – Designated Parking Sites

Kien hemm qbil unanimu li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-bord għaliex huwa suġġett li ser jieħu fit-tul.

## 51.8 -- Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Bord/ijiet;

### 51.8 – Toroq li għandom bżonn manutenzjoni urġenti

Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss waqt l-board li ser ikun responsabbli ta' l-infrastruttura.

51.8.1- Performance tal-Ħaddiema tal-iskrivani - Ġiet diskussa nhar il-27ta' Marzu waqt 51 Part I

Filwat li l-Performance Bonus tas-Segretarji Ezekutivi ġie diskuss f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil li s-Segretarji Ezekuttivi, Malcolm Agius, Sandra Grech, George Abdilla, u Elke Sghendo jieħdu il-full bonus dak ta' 10%.

## 51.9 - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Bord/ijiet;

### 51.9.1 Bye laws

- Oggetti għal-bejħ fil-lokalita;
- Outdoor activities;
- Xorb f'kontenituri tal-Ħġieġ f'postiijiet publiċi,
- Kiri ta' properta u Karrijiet u oggetti oħra ta' ingombru fil-lokalita

Kien hemm qbil li jsir meeting ma l-avukat u l-kumitat dwar il-Bye Laws**.**

Il-Kunsillier Robert Piscopo propona li tiġi sospiza l-laqgħa u jimxu għal punt 51.10 li titratta dwar mozzjonijiet. Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda din il-proposta.

Ittiehed il-vot : 6 Favur u 5 Kontra
Favur : l-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Edward Bugeja, Joseph Vella, Stephen Cremona u Robert Piscopo.

Kontra kienu Graziella Galea, Anne-Marie Fenech, Dounia Borg, Antoinette Bezzina u Daniel Grima.

Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet jekk din hiex l-istess proposta li diġa kien hemm waqt il-laqgħa u jekk din l-mozzjoni hiex skond il-liġi. Il-Kunsilliera laqaw is-suġġeriment tal-Kunsillier Graziella Galea u il-mozzjoni ġiet irtirata sabiex titkompla il-laqgħa skond l-Aġenda.

### 51.9.2 Data għal-laqgħa Annwali tal-Lokalita

Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa annwali tal-lokalita għanda issir sa l-aħħar ta' April 2018.

**51.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

### 51.11.1. – Quaterly Financial Report

Dan ir-rapport kien diġa ġie prezentat

### 51.11.2.- Business Plan 2018 – 2020

Ir-Rapport li kellu jinbat mill-accountant. Il-Kunsillier Graziella Galea xtaqet tircievi kopja b'amenda li saret fih.

### 51.11.3 – Budget Report

Il-Kunsillier Graziella Galea informat li dan ir-rapport irid jerġa jitla għal laqgħa tal-Kunsill wara l-laqgħa annwali.

### 51.12 – Mozzjonijiet

Is-Sindku qrat il-mozzjoni dwar l-proġett tal-bandli Thalasselejn.

Il-Kunsillier Graziella Galea resqet kontra mozzjoni sabiex il-proġett jinfetaħ mil-Ministru tal-Edukazzjoni Ono. Evarist Bartolo,
Giet is-sekondata mill-Vici Sindku Daniel Grima.

Il-Kontra mozzjoni ma ghaddietx…

Ittieħed vot dwar il-mozzjoni hekk kif ġiet ipprezentata;

Favur huma : Paul Bugeja, Alfred Grima , Robert Piscopo, Rodney Galea, Edward Bugeja, Stephen Cremona u Joseph Vella .
kontra huma : Graziella Galea, Dounia Borg, Daniel Grima, Antoinette Bezzina u s-Sindku Anne-Marie Fenech.

Il-Kunsillier Stephen Cremona ssuġerixxa li l-lapidi siru bl-ingliż kif ukoll bil-malti.

51.12 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss
It-tielet parti ta' Agenda No 51 ser titkompla nhar it-Tlieta 10 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Elke Sghendo |
| Sindku | Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv |